# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024**

**Numru 3**

**Rikors maħluf numru 342/2017 fl-atti**
**tar-rikors numru 642/2012**

**Suzanne Busuttil, u Brian Busuttil f'ismu proprju u bħala diretturf'isem *Stealth Holdings Limited***

***v.***

***Francis Busuttil & Sons Limited* (C-334), *B & S Contractors Limited* (C-552), Franco Busuttil, Michael Busuttil, Joseph Busuttil, Christian Busuttil u Jean Paul Busuttil, ilkoll fil-kwalità taghhom bħala diretturi f'isem *Francis Busuttil & Sons Limited* u *B & S Contractors Limited*, ħlief Franco Busuttil li ma huwiex direttur ta' *B & S Contractors Limited* u Jean Paul Busuttil li ma huwiex direttur ta' *Francis Busuttil & Sons Limited* u għal kull interess li jista' jkollhom; *Foster Clark Products Limited*; *Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited* (C-24137); *B & S Exports Limited* (C-16946); *B & S Manufacturing Limited* (C-16941); u Chris Degiorgio bħala direttur ta' *Foster Clark Products Limited* u ta' *Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited*; u b'dikriet tat-12 ta' Mejju 2014 issejħu fil-kawża Rebecca Darmanin Kissaun, Natasha Busuttil, Paul Busuttil, Joanna Decesare, Mary Ann Lanzon, Roberta Pecci Busuttil, Clarissa Pace, *T & L Holdings Limited* (C-8054), Maria Schaerrer Busuttil, Simone Pace Busuttil, Christian Busuttil, Joseph Busuttil, u Michael Busuttil, bħala azzjonisti ta' *Francis Busuttil & Sons Limited***

**(C-334), u bħala azzjonisti ta’ *B & S Contractors Ltd (C-552)*, *Sealex Holdings Co. Ltd* (C-14190), *Marvel Holdings Co. Ltd.* (C-16864), Antonia Busuttil*, Bag Investments Limited* (C-14189), *Yan Co. Limited* (C-11586), *B.C. Investments Limited* (C-8063), *the estate of the late* Charles Busuttil, Joanna Decesare, Mary Ann Lanzon, Clarissa Pace, Roberta Pecci Busuttil, Maria Schaerrer Busuttil, Simone Pace Busuttil, Michael Busuttil, u Franco Busuttil**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-21 ta’ Marzu 2019 li ċaħdet talba tagħhom biex tħassar dikriet mogħti minn dik il-qorti taħt l-art. 402 tal-Att dwar il-Kumpanniji [“Kap. 386”]. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-atturi kienu talbu rimedju taħt l-art. 402 tal-Kap. 386 dwar “ħarsien ta’ azzjonisti kontra preġudizzju mhux ġust” għax dehrilhom illi kumpanniji li fiha għandhom interess qegħdin jitmexxew ħażin u bi ħsara għalihom.

3. B’dikriet tat-30 ta’ Marzu 2017 l-ewwel qorti ċaħdet it-talba. L-atturi mbagħad fit-18 t’April 2017 fetħu l-kawża tallum b’rikors maħluf biex jitolbu illi l-qorti tħassar *contrario imperio* d-dikriet tat-30 ta’ Marzu 2017.

4. L-ewwel qorti laqgħet “eċċezzjoni illi r-raġunijiet li wasslu għat-talbiet attriċi kif magħmula mhux legalment sostenibbli fl-isfond ta’ talba għal revoka minn provvediment taħt l-artikolu 402 tal-Kap. 386 billi l-atturi qed jitolbu biss indaġini mill-ġdid tal-provvedimenti mogħtija fis-6 ta’ Mejju 2013[1] u fit-30 ta’ Marzu 2017 li mhux permess f’dan il-każ”, u konseg-wentement (għalkemm b’implikazzjoni u mhux espressament) ma laqgħetx it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

[1] Il-kawża tolqot biss il-provvediment tat-30 ta’ Marzu 2017 u mhux ukoll dak tas-6 ta’ Mejju 2013.

»… … …il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet prelimin-ari.

»Dawn l-eċċezzjonijiet fil-qosor huma:

»1. li r-rikors ma hux permissibbli għax ma hemmx dritt ta' appell u dak li qed jagħmlu l-atturi hu li jerġgħu jsostnu l-mertu tar-rikors a bażi tal-artikolu 402 u jitolbu lill-qorti terġa' tikkunsidra l-mertu mill-ġdid meta dan mhux permess;

»2. il-provvediment tal-qorti tat-30 ta' Marzu 2017 hu finali u ma hemmx dritt ta' appell; kwindi qed jiġi eċċepit li l-provvediment hu *res judicata*.

»Qabel xejn il-qorti ser tagħmel aċċenn fil-qosor għal dak li wassal għal din il-kawża. L-atturi odjerni kienu ressqu rikors *ai termini* tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 billi ġie allegat illi l-kumpanniji ilhom għal żmien titmexxa [*recte*, jitmexxew] b'tali mod li jikkostitwixxi diskriminazzjoni, oppressjoni u preġudizzju mal-atturi *qua* membri tal-istess soċjetà.

»B'digriet tas-6 ta' Mejju 2013 il-qorti ddeċiediet illi [*sc.* billi] r-rikorrenti Suzanne Busuttil *de proprio*, ir-rikorrent Brian Busuttil *de proprio* u r-rikorrenti *Stealth Holdings Limited* ma jikkwalifikawx bħala "membru" tal-kumpanniji *Foster Clark Products Limited*, *Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited*, *B&S Exports Limited* u *B&S Manufacturing Limited* huma preklużi milli jintavolaw azzjoni skont l-art. 402 tal-Kap. 386 kontra dawk l-erba' kumpanniji.

»B'digriet jew provvediment finali tal-qorti tat-30 ta' Marzu 2017, il-qorti ċaħdet it-talbiet kollha tagħhom.

»Il-kawża odjerna qed issir biex l-atturi jimpunjaw dak id-digriet. Kif ġustament rilevat fil-preambolu għar-rikors ġuramentat, l-atturi jissotto-mettu illi, kif ġie deċiż fil-proċess 642/2012 fl-ismijiet <u>Suzanne Busuttil *et v. Francis Busuttil & Sons Limited et*</u>, mhux ammissibbli appell minn provvediment taħt l-artikolu 402 tal-Kap. 386 iżda jista' jiġi revokat biss bi proċeduri appositi meħuda in kontradittorju fil-qorti li tkun mitluba li tirrevoka dak id-digriet u minn tali deċiżjoni jkun hemm dritt ta' appell lill-Qorti tal-Appell.

»Dan iwassal għal kunsiderazzjoni legali dwar in-natura tal-azzjoni odjerna. Kif intqal fis-sentenza fuq riferita ma hemmx dritt ta' appell minn provvediment tal-qorti dwar l-artikolu 402 tal-Kap. 386. Dan ifisser illi l-provvediment fil-mertu tiegħu għandu jitqies finali. Il-kontradittorju mhuwiex intiż biex jerġa' jinfetaħ il-mertu mill-ġdid qisha l-proċedura u l-provvediment taħt l-artikolu 402 ma kellha ebda valur. Il-kontradittorju biex jiġi revokat provvediment irid jiġi inkwadrat fil-poter residwali mogħti lill-qrati ordinarji biex jissindakaw operat jew ġudizzju ta' qorti jew tribunal u dan peress illi appell minn provvediment bħal dan in kwistjoni hu eskluż. Din il-proċedura mhix estensjoni tal-proċeduri tal-ewwel qorti iżda proċedura *ad hoc* biex jiġi assikurat li parti ma tkunx sofriet preġudizzju. Din il-ġurisdizzjoni residwali, skond il-ġurisprudenza tal-qorti f'diversi sentenzi fi proċeduri anki naxxenti minn deċiżjonijiet ta' tribunali, hi intiża biex tissana:

»a. nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali;

»b. ksur ta' xi disposizzjoni tal-liġi fl-għoti tad-deċiżjoni;

»ċ. fejn il-ġudikant aġixxa *ultra* jew *extra petita*.

»… … …

»Stabbiliti l-parametri sa fejn din il-qorti tista' tissindika talba biex jiġi revokat digriet trid l-ewwel jiġu kunsidrati l-eċċezzjonijiet.

»Il-konvenuti qed isostnu illi josta għat-talbiet attriċi ir-*res judicata*. Din il-qorti issib tali eċċezzjoni infondata. Kif ġà ġie rilevat aktar 'il fuq din il-kawża fil-prinċipju hi talba għal revoka ta' provvediment li l-Qorti tal-Appell qieset bħala l-proċedura idonea fiċ-ċirkostanzi u mhix kawża oħra bejn l-istess partijiet bl-istess *eadem res* u *eadem causa petendi*. Il-parametri ta' din l-azzjoni huma ben differenti u mhux intiżi biex jerġgħu jiftħu mill-ġdid l-istess mertu bejn il-partijiet iżda biex jissanaw irregolarità jew inġustizzja legali. Għalhekk ma hemm ebda kwistjoni ta' *res judicata* f'dawn il-proċeduri u lanqas jista' jkun hemm, kif lanqas jista' jingħad li l-proċedura użata mill-atturi hi irrita u nulla.

»B'eċċezzjoni oħra mogħtija mill-konvenuti qed isostnu illi l-provvedimenti tas-6 ta' Mejju 2013 u tat-30 ta' Marzu 2017 huma finali u l-atturi ma jistgħux jerġgħu jqajmu l-mertu mill-ġdid għax dan mhux permess f'revoka ta' provvediment. Il-konvenuti fis-sottomissjonijiet tagħhom jillimitaw din l-eċċezzjoni għall-intendiment tal-leġislatur billi la darba l-liġi tipprovdi għal provvediment finali bla appell, mhux leċitu għall-atturi li jerġgħu jqajmu l-mertu mill-ġdid. Il-qorti ġà qieset illi l-azzjoni odjerna hi *sui generis* u kull revoka tista' titqies biss in linea mal-ġurisdizzjoni residwali tal-qrati tagħna li jissanaw inġustizzja li tiġi pruvata fil-parametri tal-prinċipji msemmija fil-bidu ta' din is-sentenza.

»Il-qorti għalhekk trid tqis jekk l-atturi fil-fatt ressqux talbiet li jinkwadraw ruhhom fil-parametri msemmija minn din il-qorti f'kawżi ta' din in-natura. In kwantu għad-digriet tas-6 ta' Mejju 2013, din il-qorti tqis li l-provvediment tal-qorti … kien wieħed purament proċedurali u legali u din il-qorti ma tarax kif jista' jiġi allegat nuqqas ta' tħaris ta' prinċipju ta' ġustizzja naturali jew ksur ta' disposizzjoni ta' liġi jew aġir *ultra* jew *extra petita*.

»In kwantu għall-mertu tal-azzjoni kontra l-konvenuti l-oħra l-atturi jibdew billi f'termini ġenerali jibbażaw it-talba ta' impunjazzjoni fuq diversi allegazzjonijiet ta' nuqqasijiet li ippreġudikaw id-drittijiet tagħhom ta' membri ta' soċjetà. … … …

»L-atturi jsostnu illi l-intervent tal-qorti ġie mitlub minħabba frodi, abbuż u malġestjoni, konflitt ta' interess u nuqqas ta' governanza serja. Il-qorti flok ikkonċentrat fuq il-kwadru sħiħ li jipprova tali allegazzjonijiet iffokat fuq dettalji, ħafna minnhom irrelevanti jew anċillari. Tat piż lil xhieda mhux attendibbli u kredibbli għax kellhom interess jiddefendu l-operat tagħhom. … … …

»… … …

»Wara li l-qorti qieset dawn l-allegazzjonijiet, issib illi dak li jsostnu l-atturi hu illi l-qorti ma iddeċidietx sew għax kienet ta' fehma differenti minn dak lli riedu l-atturi. Jekk tagħsar l-allegazzjonijet tal-atturi f'din il-kawża din il-qorti tqis illi dak li qed jippruvaw jagħmlu l-atturi hu talba għal riapprezzament mill-ġdid tal-fatti bl-isperanza li din il-qorti tasal għal konklużjoni differenti. Fil-fehma tal-qorti ma nġiebet ebda prova ta' ksur ta' prinċipji ta' ġustizzja naturali f'dak li hu *audi alteram partem*, *nemo iudex in causa propria* u nuqqas ta' motivazzjoni ta' deċiżjoni.

Mill-atti jidher li l-qorti tat l-opportunità lill-partijiet isemmgħu leħinhom u l-fatt li l-qorti ċaħdet xi talbiet tal-atturi biex iressqu xi prova jew issir xi domanda ma jfissirx li l-atturi ma kellhomx opportunità jinstemgħu iżda li l-qorti fil-fehma tagħha dehrilha, kif għandha kull dritt, tqis dak li hu ammissibbli jew mhux, f'rikors *ai termini* tal-artikolu 402. Kull ilment tal-atturi ġie indirizzat mill-qorti u jekk l-atturi ma qablux mal-konklużjoni raġġunta mill-qorti ma jfissirx li kien hemm nuqqas ta' motivazzjoni iżda biss nuqqas ta' qbil fuq tali motivazzjoni. L-istess jingħad għal ksur ta' xi disposizzjoni tal-liġi li biha ngħata l-provvediment billi dak li qed jilmentaw minnu l-atturi mhux dwar l-applikazzjoni ħażina ta' disposizzjoni ta' liġi iżda l-interpretazzjoni li ngħatat mill-qorti għall-fatti kif riflessi f'dak li jrid u jippermetti l-artikolu 402. Bl-istess mod ma jistax jingħad li fil-provvediment mogħti ngħata aktar jew *oltre* dak miltub għax il-qorti ċaħdet it-talba tal-atturi għax fil-fehma tagħha l-fatti ma kinux iwasslu lill-qorti biex tqis li l-atturi kienu jeħtieġu l-protezzjoni mogħti bl-artikolu 402 kif interpretat mill-istess ġurisprudenza u awturi awtorevoli.

»Għalhekk il-qorti tqis illi din l-eċċezzjoni tal-konvenuti hi ben fondata u toqtol l-azzjoni attriċi, billi ma ġiet allegata ebda raġuni skond il-liġi u l-ġurisprudenza għaliex il-provvedimenti tas-6 ta' Mejju 2013 u tat-30 ta' Marzu 2017 għandhom jiġu mwarrba.

»Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni illi r-raġunijiet li wsaslu għat-talbiet attriċi kif magħmula mhux legalment sostenibbli fl-isfond ta' talba għal revoka minn provvediment taħt l-artikolu 402 tal-Kap. 386 billi l-atturi qed jitolbu biss indaġini mill-ġdid tal-mertu tal-provvedimenti mogħtija tas-6 ta' Mejju 2013 u fit-30 ta' Marzu 2017 li mhux permess f'dan il-kaz. Spejjeż għall-atturi.«

5. L-atturi appellaw b'rikors tal-5 ta' April 2019. *Francis Busuttil & Sons Limited*, *B & S Contractors Limited*, Michael Busuttil, Joseph Busuttil, Christian Busuttil, *Foster Clark Products Limited*; *Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited*; *B & S Exports Limited*; *B & S Manufacturing Limited*; u Chris Degiorgio wieġbu fid-29 ta' April 2019; *T & LHoldings Limited* wieġbet fid-29 ta' April 2019; *B.C. Investments Limited* u Franco Busuttil wieġbu fl-10 ta' Mejju 2019; u Rebecca Darmanin Kissaun, Natasha Busuttil, Paul Busuttil, Joanna Decesare, Mary Ann Lanzon, Roberta Pecci Busuttil, Clarissa Pace, Maria Schaerrer Busuttil, Simone Pace Busuttil, Christian Busuttil, Joseph Busuttil, Michael Busuttil, *Sealex Holdings Co. Ltd*, *Mavel Holdings Co. Ltd*, Antonia Busuttil u l-wirt ta' Charles Busuttil wieġbu fl-14 ta' Mejju 2019;

6. L-appellanti fissru l-aggravji tal-appell fil-qosor hekk:

> »a) l-ewwel qorti tat kwalifika u limitazzjoni li ma jidhirlx illi ġiet traċċjata mill-Qorti tal-Appell fil-kawza <u>Suzanne Busuttil *et v Francis Busuttil & Sons Limited et*</u>[2];
>
> »b) it-tieni aggravju huwa illi l-ewwel qorti ddeċidiet illi l-lanjanzi mhux fondati i) mingħajr ma semgħet provi u ii) meta d-deċiżjoni kienet biss fuq waħda jekk hux appellabbli jew *res judicata* jew impunjabbli digriet/deċiżjonji taħt l-artikolu 402 tal-*Companies Act*.«

7. Komplew fissru l-ewwel aggravju hekk:

> »Kemm f'<u>Shaw</u>[3] u kemm ukoll f'<u>Suzanne Busuttil *et*</u> il-Qorti tal-Appell ma ttraċċjat ebda limitazzjoni kif għamlet l-ewwel qorti. F'<u>Suzanne Busuttil *et*</u> ġie hekk ritenut:
>
>> »"Dan il-punt gie trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>Jonathan Shaw *et v.* David Alan Shaw *et*</u> deciza fis-27 ta' Novembru 2009 … … …
>>
>> »"Din il-qorti ghalhekk tifhem li kull provvediment mogħti a tenur tal-artikolu 402 tal-Kap. 386 għandu min-natura ta' digriet li skont il-ġurisprudenza ma jeżisti ebda dritt ta' appell minnu u jista' jiġi revokat biss bi proċeduri appositi meħuda in kontradittorju fil-qorti li tkun mitluba li tirrevoka dak id-digriet u minn tali deċiżjoni jkun hemm dritt ta' appell lil din il-qorti.
>>
>> »"Aktar qabel fl-istess sentenza l-qorti kienet spjegat li l-istess artikolu 402 jipprovdi rimedju *ad hoc* illi jista' jiġi intavolat permezz ta' rikors (mhux ġuramentat *ai termini* tal-Kap. 12) u għalhekk din il-proċedura ma hijiex *kawża* fis sens ta' kawża mibdija b'din il-proċedura, u din id-distinzjoni hija importanti ħafna għaliex l-artikolu 402 ġie fis-seħħ meta l-liġi tal-proċedura kienet tiddistingwi bejn *ċitazzjoni* u *rikors* u kwindi l-kelma 'rikors' *ai termini* tal-artikolu in kwistjoni għandha tinqara f'dan is-sens. "Isegwi għalhekk", qalet il-qorti, "li appell naxxenti minn sentenza mogħtija wara kawża intavolata b'rikors ġuramentat (ġà magħrufa bħala ċitazzjoni) ma huwiex awtomatikament estiż *ope legis* għal din il-proċedura. Fil-fatt ġustament l-ewwel qorti, meta ġiet biex takkolla l-ispejjeż, sejħet id-deċiżjoni tagħha 'provvediment'".
>
> »Allura l-lanjanza hija illi l-ewwel qorti iddeċidiet erronjament meta imponiet ċerti kwalifiki. L-esponenti jissottomettu illi l-ewwel qorti ma messhiex iżżid dawn il-limitazzjonijiet u tibbaża l-konklużjoni tagħha illi l-impustazzjoni tat-talba tar-rikorrenti quddiemha kellha tfalli għaliex ma taqax f'waħda mill-parametri indikati minnha. Din il-konklużjoni hija kritikata għalhekk għal żewġ raġunijiet: l-ewwel, illi din marret *oltre* l-limiti indikati mill-Qorti tal-Appell. Kollox sew, fis-sistema ċivili tagħna, ma jeżistix il-*binding precedent* tal-*Common Law,* u dejjem hemm il-liberu konvinċiment tal-ġudikant. Iżda teżisti wkoll id-dottrina tal-awtorevolezza ta' preċedent, mingħajr naturalment ma wieħed qed igħid illi qorti ta' prim'istanza ma hijiex libera tiddipartixxi jekk jidhrilha

---

2 Rik. 642/2012, 31 ta' Jannar 2014

3 <u>Jonathan Shaw *et v.* David Alan Shaw *et*</u>, App. 27 ta' Novembru 2009

hekk minn konklużjoni ta' qorti tat-tieni istanza. L-esponenti kgħidu illi ma kienx floku li żżid din il-kwalifika.

»Aktar u aktar, jidher illi l-ewwel qorti ma apprezzatx posizzjoni li ħadet anke din il-Qorti tal-Appell, veru forsi *obiter* iżda kjarament impliċitu, illi l-art. 402 huwa kreatura partikolari, ispirat bi kriterji ekwitativi u mhux allura marbut mar-regoli ta' proċedura tradizzjonali u fil-Kodiċi ta' Proċedura. Tant illi kemm f'Shaw, kif ukoll f'Suzanne Busuttil *et*, hemm il-kumment tal-qorti illi dan huwa "każ klassiku fejn japplika l-prinċipju *ubi voluit lex dixit.* Il-liġi hawnhekk hija silenzjuza u għalhekk ma kienx korrett mill-ewwel qorti li tinferixxi rekwiżiti oħrajn.«

8. Il-konvenuti – ħlief *T & L Holdings Limited*, li qablet mal-appellanti – essenzjalment wieġbu illi provvediment mogħti taħt l-art. 402 tal-Kap. 386 huwa finali, ma jistax jiġi impunjat fil-meritu u jista' jiġi impunjat biss jekk ikun hemm in-nuqqasijiet imsemmija mill-ewwel qorti.

9. Il-partijiet qegħdin jaqblu illi ma hemmx dritt ta' appell minn provvediment taħt l-art. 402. Dan mhux għax il-liġi espresament teskludi dak id-dritt iżda bis-saħħa ta' argument mibni fuq il-massima *ubi voluit dixit* għax fl-art. 402 tal-Kap. 386, li taħtu ngħata l-provvediment impunjat, ma hemmx disposizzjoni bħal dik tal-art. 401(17) li tagħti dritt ta' appell meta l-provvediment ikun ingħata taħt l-art. 401.

10. Hemm ukoll ġurisprudenza f'dan is-sens li tgħid illi l-ħsieb wara l-art 402 hu biex "jekk ikun hemm intopp fit-tmexxija tal-kumpannija jew tkun qed issir xi ħaġa bi ħsara ta' xi membru, tintalab soluzzjoni malajr mill-qorti, biex, wara li din titqiegħed fis-seħħ, il-kumpannija, jekk hu possibbli, tkompli miexja"[4].

11. F'din l-aħħar silta, fil-fehma ta' din il-qorti, hemm is-soluzzjoni għall-kwistjoni tallum.

[4] Ara Jonathan Shaw *et v.* David Alan Shaw *et*, App. 27 ta' Novembru 2009, u Antonia Baldacchino *et v. Balda Enterprises Limited et*, App. 19 ta' Jannar 2010.

12. Il-liġi ma tridx li jkun hemm dritt ta' appell mhux għax trid illi provvedimenti taħt l-art. 402 jkunu finali, iżda għax ma tridx li tiġi stultifikata "soluzzjoni malajr" – li wkoll għalhekk tista' tkun wara stħarriġ *prima facie* – li tkun meħtieġa biex "il-kumpannija … tkompli miexja". Dan ma jfissirx illi, superat l-"intopp fit-tmexxija tal-kumpannija", ma tistax titfittex soluzzjoni aktar permanenti, ukoll, jekk meħtieġ, billi jitħassar il-provvediment li jkun ta "soluzzjoni malajr".

13. Is-soluzzjoni li jridu l-konvenuti – li l-provvediment ikun finali u ma jingħata ebda rimedju kontrieh – tkun perikoluża u tista' wkoll twassal għal inġustizzji. Biżżejjed jingħad illi taħt l-art. 402(3)(*f*) il-qorti għandha s-setgħa illi tagħti ordni illi "jipprovdi għall-ħlas ta' kumpens minn dik il-persuna li tista' tkun instabet responsabbli mill-qorti għal telf jew danni li jkunu ġġarrbu minħabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun ġarrbet dak it-telf jew danni". Dawn id-danni jistgħu jkunu sostanzjali[5]. Huwa anti-ġuridiku li tgħid illi ma jingħatax rimedju lil min, sabiex tkun instabet "soluzzjoni malajr", jiġi ordnat iħallas danni sostanzjali.

14. Billi l-liġi ma tiddistingwix bejn provvediment mogħti taħt l-art. 402(3)(*f*) u ieħor mogħti taħt il-paragrafi l-oħra tal-art. 402(3), is-soluzzjoni għandha tkun l-istess: kull provvediment taħt l-art. 402 jista' jiġi impunjat fil-meritu, jekk mhux b'appell, bi proċeduri bħal dawk tallum.

15. Din il-qorti għalhekk taqbel mal-atturi appellanti illi hija ħażina d-deċiżjoni li tgħid illi provediment taħt l-art. 402 tal-Kap. 386 ma jistax jiġi impunjat

---

5 Ara *e.g.* Miclis Company Ltd *v.* Kevin Fitzpatrick *et*, App. 12 ta' Lulju 2023, rik. 5/2018.

fil-meritu, u tgħid, minflok, illi fil-proċeduri tallum l-atturi jistgħu jimpunjaw il-provvediment tat-30 ta' Marzu 2017 mhux biss fil-paramentri msemmija fis-sentenza appellata iżda wkoll fil-meritu.

16. Billi sejjer jintlaqa' l-ewwel aggravju ma huwiex meħtieġ li l-qorti tqis ukoll it-tieni aggravju.

17. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' *res iudicata* u tħassarha fejn laqgħet l-eċċezzjoni illi l-provvediment tat-30 ta' Marzu 2017 huwa finali, u, minflok, tiċħad dik l-eċċezzjoni; tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

18. L-ispejjeż sa issa, kemm tal-ewwel grad u kemm dawk tal-appell, iħallsuhom il-konvenuti kollha, ħlief *T & L Holdings Limited*, flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss